MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 368/2002/1

**Joseph u Lorenza konjugi Mercieca**

**vs**

**Melvin u Josephine konjugi Depasquale;**
**u b'digriet tal-Qorti tat-28 ta' Dicembru, 2007, l-Avukat Dr. Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Melvin u Josephine mizzewgin Depasquale**

**Il-Qorti,**

Is-sentenza prezenti hi l-konsegwenza ta' dak gja deciz minn din il-Qorti fis-sentenza taghha ta' l-24 ta' Mejju, 2006 bejn l-istess partijiet u li fiha gie determinat illi gie mill-konvenuti pratikat l-appogg. *In calce* ghal dik l-istess sentenza l-Qorti kienet tat l-opportunita` lill-partijiet biex dawn jitrattaw il-punt tal-kwantum tal-kumpens ghal dak l-istess appogg;

Mid-data ta' dik is-sentenza sal-lum, bil-pacenzja inuzwali ta' din il-Qorti, il-kontendenti minflok attivaw ruhhom biex jindirizzaw kif jixraq dak il-punt, intilfu f'differimenti ghall-probabbli transazzjoni, il-hatra ta' kuraturi biex jirrapprezentaw lill-konvenuti li, fil-frattemp, kienu siefru, in-nuqqas ta' notifika lill-istess kuraturi b'dik in-nomina, it-talba biex il-procedura tal-hatra terga' ssir *ex novo* (ara verbal tad-9 ta' Mejju, 2008), in-nomina ta' perit tekniku li baqa' ma espletax l-inkariku moghti ghan-nuqqas ta' ko-operazzjoni mill-konvenuti, l-assenza mill-proceduri ta' l-istess konvenuti u tal-konsulent legali taghhom u, in generali, il-mankanza assoluta ta' taghrif rikjest dwar il-progress ta' soluzzjoni barra l-Qorti. Kien biss fl-ahhar udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2009 li l-Avukat ta' l-atturi insista li l-kawza tithalla ghad-decizjoni in mertu ghall-punt fuq referenzjat;

L-atti juru li *ex-post* dik is-sentenza l-konvenuti ddisponew mill-fond proprjeta` taghhom billi bieghuh lil terzi. Ara kuntratt relattiv datat 29 ta' Mejju, 2008 a fol. 166 tal-process. L-istess atti juru wkoll illi fis-6 ta' Frar, 1997 l-Arkitett Carmel Mangion, inkarigat mill-atturi, irrelata dwar l-istima ta' l-appogg fl-ammont ta' Lm1151.27;

Premess dan, jibda biex jigi osservat illi fuq l-interpretazzjoni taghha ta' l-Artikolu 418 tal-Kodici Civili l-Qorti ta' l-Appell, sede Kummercjali, kienet ikkummentat illi "d-dritt ta' min jappoggja jgib mieghu l-obbligu tal-hlas. Min jappoggja jaf li ghandu jhallas ta' l-appogg kif tghid il-ligi. Jekk min jappoggja jitrasferixxi l-fond qabel ma jhallas ta' l-appogg, jaf li l-obbligu tal-hlas ghadu hemm" ("**Anthony Muscat -vs- John Joseph Camilleri**", 28 ta' Mejju, 1993;

Wiehed necessarjament jifhem illi din l-interpretazzjoni hi l-konsegwenza ta' dik l-interpretazzjoni l-ohra kaptata mis-sentenza fl-ismijiet "**Mons. Francesco Saverio Zahra *et* -**

**vs- Rosario Cassar**”, Appell Civili, 30 ta’ Novembru, 1959 u li, fuq l-insenjament tal-maggoranza ta’ l-awturi, irravvizat illi n-natura ta’ l-azzjoni ghall-hlas tad-dritt ta’ appogg hi wahda personali, u mhux reali, kif kien hemm stabbilit f’decizjonijiet anterjuri (ara, ad ezempju, “**Salvatore Farrugia -vs- Giuseppe Farrugia**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 4 ta’ Ottubru, 1955). Fuq din il-bazi dik is-sentenza kompliet tirritjeni illi ma setghetx tigi negata l-azzjoni personali tas-sid ta’ bini li mieghu tpogga bini iehor kontra min ippratika l-appogg ukoll jekk dan ikun itrasferixxa l-bini li pogga. Dan il-binarju ta’ hsieb kompla jigi segwit f’decizjonijiet posterjuri, kif, b’ezemplari, attestat mid-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell, sede Civili, tas-7 ta’ Marzu, 1984 in re: “**Teresa Schembri *et* -vs- Joseph Delia**”;

Ipprecizata din l-indoli ta’ l-azzjoni, l-atti tal-kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar juru wkoll illi l-konvenuti kienu ressqu kontro-talba biex jithallsu minghand l-atturi ta’ l-okkupazzjoni ta’ l-art taghhom bil-fatt tal-kostruzzjoni tal-hajt jew hitan mill-atturi, mertu tat-talba taghhom ghad-dritt ta’ l-appogg. Fuq dik il-kontro-talba t-Tribunal kien b’sentenza preliminari tal-20 ta’ Settembru, 2002, iddetermina li l-istess kienet tesorbita mill-kompetenza tieghu *ratione materiae*. Minn dik id-decizjoni ma kienx sar appell u, milli jidher, lanqas azzjoni *ad hoc* fil-forum idoneju ghall-iskop li jkun definit jekk l-atturi bnewx il-hitan fuq il-linja tal-konfini jew, kif donnu issuggerit mill-konvenuti bil-kontro-talba, l-atturi kkavallawx dak il-konfini, f’liema ipotesi, kienu jghoddu l-konsiderazzjonijiet zviluppati fid-decizjonijiet fl-ismijiet “**Emanuel Mizzi -vs- Carmelo Debono**”, Appell Civili, 22 ta’ Marzu, 1991 u “**Charles Micallef -vs- Paul Pisani**”, Appell, 7 ta’ Ottubru, 1997, u fejn, *inter alia*, inghad illi ghall-fattispeci ma kienx applikabbli d-dispost ta’ l-Artikolu 418 (1) tal-Kodici Civili izda aspetti legali ohra;

F’dawn id-dati cirkostanzi, u gjaladarba wkoll ma jirrizultax minn ebda eccezzjoni jew difiza illi l-konvenuti kkontestaw l-kwantum tal-hlas tad-dritt ta’ l-appogg reklamat mill-atturi

bl-assistenza tal-Perit Carmel Mangion inkarigat minnhom, din il-Qorti, tant ghal din ir-raguni, tant ukoll ghall-fatt inkontestat illi l-konvenuti ma baqghux juru interess fil-kawza wara l-ghoti tas-sentenza ta' din il-Qorti ghal liema saret referenza aktar 'il fuq, ma ghandhiex xelta ohra hlief li tadotta l-istima maghmula mill-Perit imsemmi (ara kopja taghha a fol. 40 tal-process).

Ghal motivi kollha su-indikati din il-Qorti qed tilqa' t-talba ta' l-atturi appellanti u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti appellati jhallsu lill-istess atturi bhala dritt ta' appogg l-ammont ta' elf mija wiehed u hamsin lira, sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1151.27) ossija elfejn sitt mija wiehed u tmenin euro, erbgha u sebghin centezmu (€2681.74), bl-ispejjez kif mitlub fl-Att ta' l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------